University of Malta
MRI Research
Platform

L-Università ta' Malta

# Folja ta' informazzjoni għall-ipproċessar tad-*data* tal-MRI tal-pazjent

## 1. Tagħrif

1.1 Il-pjattaforma tal-Università ta' Malta magħrufa bħala "University of Malta MRI platform" (UMRI) hija inizjattiva multidixxiplinarja li tippromwovi l-użu tal-MRI fir-riċerka u fit-tagħlim. L-għan tal-UMRI huwa li ġġib riċerka nnovattiva tal-MRI f'Malta u li tapplika din ir-riċerka għall-benefiċċju tal-pazjenti u l-komunità generali.

1.2 Il-pjattaforma tal-UMRI qiegħda tistaqsik għal-kunsens biex tiġbor u taħżen id-*data* tal-MRI tiegħek fil-ġabradata istituzzjonali tal-Università, u tuża id-data tiegħek għall-skopijiet ta' riċerka xjentifika u tagħlim.

## 2. L-għan ta' dan id-dokument

2.1 Dan id-dokument għandu jservi bħala fuljett ta' informazzjoni. Id-dokument jipprovdi informazzjoni fuq kif il-UMRI se taħżen u tuża d-*data* tiegħek, il-benefiċċji u r-riskji assoċċjati mal-ħażna u l-użu tad-*data* tiegħek, u d-drittijiet legali li għandek rigward id-*data* maħżuna mil-UMRI.

## 3. Kif se tiġi proċċessata id-*data* tiegħi jekk nagħti kunsens lil-UMRI?

3.1 L-ewwel nett, kopja tal-MRI *data* tiegħek ser tiġi mibgħuta lejn ġabradata apposta fl-Università ta' Malta (imsejħa bħala l-ġabradata istituzzjonali tal-Università). Id-*data* tiegħek ser tgħaddi min sistema li tagħmel psewdo-anonimizzazzjoni tad-*data* tiegħek biex tipproteġtilek l-identità tiegħek. Fil-proċess ta' psewdo-anonimizzazzjoni, id-*data* tiegħek ser tiġi proċessata b'mod li tipprevjeniha milli tiġi attrebuta mal-identità tiegħek mingħajr użu ta' nformazzjoni addizzjonali.

3.2 Ladarba id-*data* tiegħek tilħaq il-ġabradata istituzzjonali tal-Università, se tinħażen hemmhekk għal perjodu ta' 10 snin. Wara dan il-perjodu, id-*data* ser tiġi mħassra awtomatikament. Kopji tad-data li jintużaw għar-riċerka ser jinżammu f'ġabradata sekondarja (imsejħa bħala il-ġabradata istituzzjonali tar-riċerka) għal perjodu ta' *10 snin min wara li jibda l-proġett*. *Data* speċifika użata min proġetti tista tinżamm aktar jekk l-estensjoni tiġi approvata etikament.

3.3 **Wara li jkun hemm approvazzjoni etika min kumitat relevanti tal-etika (bħal kumitat tal-etika tal-Università ta' Malta ('UREC')) u fejn meħtieġ, approvazzjoni mil-kummissarju tal-protezzjoni tal-informazzjoni u d-*data* ('IDPC'),** id-*data* maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali ser tkun użata min proġetti ta' riċerka. Ir-riżultati ta' kwalunkwe riċerka jistgħu, fil-futur, jiġu użati għal skopijiet ta' tħarriġ pubbliku u/jew għat-tagħlim, ippreżentati f'laqgħat xjentifiċi, u miktuba f'ġurnali u/jew teżijiet. Dan ser isir dejjem **b'mod li ma tinkixifx l-identità tiegħek**.

3.4 Wara approvazzjoni mil-bord tal-UMRI, id-*data* tista wkoll tiġi użata waqt tagħlim fl-Università. Dan ser isir dejjem **b'mod li ma tinkixifx l-identità tiegħek**.

**4. X'inhuma l-benefiċċji jekk nagħti kunsens li d-*data* tigi maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali tal-Università?**

4.1 Inti mhux ser tibbenefika direttament jekk tagħti kunsens. Il-benefiċċji ser jaffetwawk indirettament, fis-sens li riżultati mir-ricerka xjentifika jistaw jintużaw għal-benefiċċju tas-soċjeta inġenerali.

4.2 Hemm ċans li r-riċerka li toħroġ mid-*data* tiegħek twassal għal testijiet djanjostiċi, mediċini, teknoloġiji, u prodotti kummerċjali ġodda. Jekk jiġri dan, m'intix ser tirċievi kumpens minn profitti ġġenerati mill-prodotti, u mhux ser ikollok drittijiet tal-proprjetà fuq dawn il-prodotti.

**5. X'inhuma r-riskji jekk nagħti kunsens biex id-*data* tiġi maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali tal-Università?**

5.1 Id-*data* tal-MRI ser tiġi trasferita mill-isptar Mater Dei għal-ġabradata istituzzjonali fejn ser tiġi maħżuna. Assoċjat ma kull trasferiment u ħażna ta' *data* huwa riskju minimu ta "*data* breach".

5.2 Ir-riskju ta' "*data* breach" huwa l-ikbar meta d-*data* tkun qed tiġi trasferuta l-Università għax f'dan il-punt, id-*data* tiegħek ikollha l-identità tal-pazjent li tipikament tkun ekwivalenti għan-numru tal-karta tal-identità tiegħek u/jew numru provdud lilek mill-isptar.

5.3 Wara li l-Universita tirċievi d-*data* oriġinali tiegħek, ser tkun maħżuna b'mod sigur f'ġabradata temporanja. Imbagħad id-*data* ser tkun psewdo-anonimizzata u trasferuta fil-ġabradata istituzzjonali. Id-*data* originali tiegħek, li fiha tinkludi in-numru tal-karta tal-identità ser tiġi mħassra wara l-proċess tal-psewdo-anonimizzazzjoni. B'teknoloġija kurrenti, iċ-ċans li n-numru tal-karta tal-identità tiegħek jiġi kkalkulat mil-identità psewdo-anonimizzata tiegħek huwa żghir.

**6. Kif ser tkun protetta l-identità tieghi?**

6.1 Il-pjattaforma tal-UMRI stinkat ħafna biex tiżgura li t-trasferiment u l-ħażna tad-*data* huma protetti min aċċess minn persuni mhux awtorizzati. Allura, biex jittaffa r-riskju ta' "*data* breach", id-*data* ser tigi trasferuta biss b'standards għoljin ta' sigurta.

6.2 *Data* mibgħuta lill-ġabradata istituzzjonali ser tgħaddi min sistema li i) tbiddillek ismek b' wieħed falz, u ii) tgħaddi l-identità tal-pazjent tiegħek min proċess ta "hashing" u "encryption". Dan il-proċess huwa magħruf bħala psewdo-anonimizzazzjoni.

6.2.1 **Hashing**; L-ewwel nett, l-identità tal-pazjent tiegħek ser jiġi miżjud magħha ammont ta' ittri, numri u karattri sigrieti. Imbagħad, l-identità tal-pazjent tiegħek ser tgħaddi mill-proċess ta' "hashing" fejn ser titħawwad f'ammont fiss ta' ittri, numri u karattri. Ir-riżultat ta' dan il-proċess jissejjaħ "hash". Huwa diffiċli ferm li ġġib lura l-identità tal-pazjent min din il-"hash".

6.2.2 **Encryption;** Wara l-proċess tal-"hashing", il-"hash" innifsa li tiġi kkreata ser tiġi "encrypted" bħala saff ieħor ta' protezzjoni. Il-proċess ta' "encryption" juża ċavetta imsejħa bħala *public key* biex tħawwad il-"hash". Il-"hash" tista' tiġi rikoverata b'ċavetta oħra magħrufa bħala *private key*, li tintuża biex taqra l-output.

6.3 Għal aktar informazzjoni fuq il-proċessi ta' "hashing" u "encryption", il-qarrej huwa inkoraġġat jaqra id-dokument "Encryption and Hashing" li jinsab fuq il-website tal-UMRI [https://www.um.edu.mt/platforms/umri/documents-forms/].

6.4 Attributi personali li jistaw ikunu utli għar-riċerka (bħad-data tat-twelid, età, sess, tul, piż, u d-data ta' meta ttieħdet id-*data*) mhumiex ser jiġu mħassra meta d-*data* tiġi trasferuta lejn il-ġabradata istituzzjonali. Madankollu, din id-*data* ser tiġi biss użata għar-riċerka u/jew tagħlim meta tkun neċessita biss.

6.5 Riċerkaturi li jkunu qed jaħdmu fuq *data* mil-ġabradata istituzzjonali ser ikunu mistoqsija jiddikjaraw li mhux ser jippruvaw jiddeterminaw l-identità tal-pazjenti assoċjati mad-*data* billi jiffirmaw formola ta' konformità.

**7 Tista l'MRI data tiegħi tkun assoċjata man-numru tal-karta tal-identità?**

7.1 F'ċertu każijiet, hija mportanti għall-UMRI li tkun tista tassoċja l'identità tiegħek mad-data maħżuna fil-ġabradata. Minħabba dan, UMRI għandha proċess li jikkonsisti f'ġiex passi separati li jaghti lill-UMRI l'kapaċità biex tassoċja l'identita tiegħek mad-data psewdo-anonimizzata maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali. Huma ftit l-individwi li kapaċi jagħmlu dan il-proċess u persuni li jistaw jagħmlu l-ewwel pass tal-proċess ma jistawx jagħmlu it-tieni pass u viċa versa.

7.2 **Dan il-proċess jista jseħħ biss f'direzzjoni waħda. Dan ifisser li jekk nkunu nafu n-numru tal-karta tal-identità, nistaw insibu l-MRI *data* assoċjata ma dan in-numru, imma ma nistawx inġibu numri tal-karta tal-identità mid-*data* tal-MRI innifsa. Dan ifisser li UMRI mhux ser tkun kapaċi tidentifika l-pazjent fl-MRI *data*. Aktar informazzjoni hi provduta fit-tmien sezzjoni.**

**8 Meta u kif ser issir assoċċazzjoni bejn in-numru tal-karta tal-identità tiegħi u l-MRI *data* tiegħi maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali?**

8.1 Hemm sitwazzjonijiet fejn huwa meħtieġ ikun hemm konnessjoni bejn in-numru tal-karta tal-identità tiegħek u d-*data* psewdo-anonimizzata tiegħek maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali;

8.1.1 Eżempju, ejja nieħdu l-każ fejn nixtiequ nagħmlu studju fuq MRI *data* ta' pazjenti b'ċertu kundizzjoni. L-ewwel nett għandna bżonn nkunu nafu liem *data* mid-*data* kollha maħżuna fil-ġabradata turi l-kundizzjoni li aħna interessati fiha. Allura, f'dan il-każ persuna terza (bħal tabib) jidentifika liem pazjenti għandhom din il-kundizzjoni u jiġġenera lista ta' "hashes" min-numri tal-karti tal-identità ta' dawn il-pazjenti b'din il-kundizzjoni. Din il-lista (mhux in-numri tal-karti tal-identità innifsom) tintbagħt lil UMRI (l-ewwel pass). Il-UMRI

imbagħad tuża din il-lista biex tidentifika id-*data* relevanti fil-ġabradata istituzzjonali (it-tieni pass).

8.1.2 L-eżempju imsemmi fis-sezzjoni 8.1.1 hija wkoll applikabbli għall-studji lonġitudinali fejn inkunu nteressati fuq kif kundizzjoni tevolvi. Eżempju, fis-sena 2020 Joe Borg ġie nfurmat b'bidu ta' kundizzjoni kronika, u reġa ġie investigat bl-MRI fis-sena 2023. Il-"hash" iġġenerata min-numru tal-karta tal-identità ta' Joe Borg huwa identiku għad-*data* li ttieħdet fis-snin 2020 u 2023. B'dan il-mod, UMRI tkun taf li ġabret id-*data* mill-istess pazjent mingħajr ma tkun taf l-identità ta' Joe Borg.

8.1.3 Ikkunsidra każ ieħor fejn tkun trid id-data tiegħek tigi mħassra. F'dan il-każ, l-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-Università ta' Malta jsaqsik għan-numru tal-karta tal-identità tiegħek, jipproduci l-"hash", u jibgħata lill-UMRI (l-ewwel pass). UMRI imbagħad tuża dan il-"hash" biex tidentifika id-*data* li taqbel ma dan il-"hash" (it-tieni pass).

## 9. Min ser ikollu aċċess għal-kopja tal-MRI *data* tiegħi maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali?

9.1 Fil-ġabradata istituzzjonali, id-data tiegħek ser tkun aċċessibli minn:

1) Impjegati tal-Università ta' Malta li jkunu qed jamministraw is-sistema. L-amministraturi ser ikollom aċċess għad-*data* biss meta jkun meħtieġ isir ċertu xogħol (eżempju manteniment);

2) Impjegati speċifiki tal-UMRI bħall-uffiċjal xjentifiku, u impjegati speċifiki tal-Università ta' Malta maħtura mill-UMRI biex jiġbru u jmantnu *data* maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali.

9.2 Kopja tad-data tiegħek fil-ġabradata istituzzjonali tar-riċerka magħmula speċifikament biex taħżen data li tintuża għar-ricerka u tagħlim ser tkun aċċesibli minn:

1) riċerkaturi li jkunu qed jaħdmu fuq proġetti approvati minn kummissjoni relevanti tal-etika u mill-IDPC, jew minn xi proċess legali relevanti ieħor. Lista ta' studji kurrenti u r-riċerkaturi imexxuwom tinsab hawnhekk: https://www.um.edu.mt/umri/projectsandpublications/. F'ċertu każijiet rari, eżaminaturi li jkunu qed jeżaminaw proġetti tal-istudenti jkunu jridu jaraw id-*data* tipikament ghal raġunijiet ta' verifikazzjoni.

2) letturi u għalliema (u l-istudenti li jattentu fil-korsijiet tagħhom) fl-Università ta' Malta ser ikollom access limitat għad-*data* tiegħek għall-iskop ta' tagħlim wara approvazzjoni mill-UMRI.

9.2 Id-*data* ser tiġi mxerrda b'sistemi tal-kompjuters immexxija mill-Università ta' Malta jew, jekk mhux possibli, b'sistemi ta' ħażna li jkunu "encrypted".

**10. X'ħa jiġi affetwat jekk ma nagħtix kunsens biex id-*data* tiegħi tiġi maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali?**

10.1 Mhux ser ikun l-ebda xkiel fuq is-servizz mediku provdut lilek jekk ma' tagħtix kunsens jew tiddeċiedi li tneħħi l-kunsens wara li tkun tajtu. Dan għaliex l-għotja tad-*data* tiegħek fil-ġabradata istituzzjonali dejjem ser isir b'mod volontarju. Apparti min hekk, l-għotja ta' kunsens mhux ser jirriżulta għall-titjib fis-servizz mediku provdut lilek.

10.2 Jekk *data* ser tiġi miġbura fuq il-magna tal-MRI tal-Università f'aktar minn okkażżjoni waħda, il-kunsens tiegħek ser jiġi mitlub kulldarba. Id-deċiżjoni tiegħek f'ġurnata partikolari mhux ser taffetwa x'jigri f'ġurnata oħra. Eżempju, jekk tajt kunsens f'ġurnata partikolari imma tiddeċiedi li m'intix ser tagħti kunsens f'ġurnata oħra aktar l'quddiem, id-*data* tal-ewwel ġurnata biss ser tiġi maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali.

10.3 Jekk trid id-*data* tiegħek tiġi mħassra mill-UMRI, irreferri għas-sezzjoni 16 għal-aktar informazzjoni.

**11. X'inhuma l-bażijiet legali għall-iproċessar tad-*data* għall-iskopijiet ta' riċerka u tagħlim?**

11.1 *Data* personali ser tiġi proċessata skond l-att ġenerali tal-protezzjoni tad-*data* (**GDPR** – Regolament tal-EU 2016/679), l-att tal-protezzjoni tad-*data* (Kap. 586 tal-liġi ta' Malta), u liġijiet oħra applikabbli.

11.2 Il-GDPR jirrikjedi li kull tip ta' proċessar ta' *data* personali jkollha bażi legali (ġustifikazzjoni). Fil-każ tagħna, il-bażi legali hija bbażżata fuq ġiex aspetti:

a) **Kunsent esplicitu** (Artikli 6(1)(a) u 9(2)(a) tal-GDPR) ser jintuża għat-trasferiment u l-ħażna tad-*data*.
b) **Interess pubbliku għall-skopijiet ta' riċerka xjentifika** (Artikli 6(1)(e) u 9(2)(j) tal-GDPR) ser tintuża biex id-*data* tiġi proċessata għall-skopijiet ta' ricerka xjentifika.

**12. X'kategoriji ta' *data* personali huma nvoluti?**

12.1 Data personali ġenerali bħal ismek, l-età, u nformazzjoni demografika oħra simili.

12.2 *Data* relatata ma' saħħa u *data* bijometrika, huma kkunsidrati bħala kategoriji speċjali (jew sensittivi) ta' *data* personali fil-GDPR. *Data* bijometrika tirreferi għall-karatteristiċi uniċi ta' persuna li jistaw jintużaw biex jidentifikaw dik il-persuna. F'ċertu każijiet, *data* bijometrika tista tiġi mnissla min *data* tal-MRI.

**13. Min hu l-kontrullur tad-*data*?**

13.1 Skond il-GDPR, il-kontrullur tad-*data* huwa l-persuna jew entità li jiddetermina l-iskop u l-metodu ta' kif ser tiġi proċessata id-data personali.

Deskrizzjoni tal-istadji differenti tal-ipproċessar u l-kontrulluri assoċjati ma’ dawn l-istadji huma:

- *Trasferiment, psewdo-anonimizzazzjoni u ħażna tad-data.* Kontrullur – L-Università ta’ Malta
- *Kurazzjoni tad-data għall-iskopijiet tar-riċerka xjentifika u tagħlim.* Kontrullur – L-Università ta’ Malta
- *Studji tar-riċerka ndividwala.* Kontrulluri – L-Università ta’ Malta u/jew ir-riċerkaturi kkonċernati.

Għalkhemm L-Università ta’ Malta hija uffiċjalment il-kontrullur tad-*data*, il-punt ta’ kuntant ewlieni tiegħek rigward x’ilmenti fuq id-*data* għandu jkun il-president tal-UMRI, Dr. Claude Julien Bajada. Tista tikkuntatjaħ fuq gdpr-umri.platform@um.edu.mt.

13.2 Jekk għandek xi mistoqsijiet fuq kwalunkwe aspett tal-iproċessar tad-*data,* jekk jogħġbok irreferi għad-dettalji tal-kuntatt fit-tmiem ta’ dan id-dokument.

**14. Kif ser tiżguraw li d-*data* tibqa sigura minn aċċess mhux awtorizzat meta tkun qed tigi pproċessata mir-ricerkaturi?**

14.1 Ir-riċerkaturi kollha huma mitluba jimlew formola ta’ konformità li torbotom jipproċessaw id-*data* skond l-istandards tas-sigurtà tal-GDPR.

14.2 Ir-riċerkaturi kollha huma obbligati jaħżnu id-*data* fuq sistemi ta’ ħażna “encrypted” u jaċċessaw/jipproċessaw id-data fuq kompjuters siguri.

**15. Kemm se ddum taħżen id-*data* tiegħi l-Università ta' Malta?**

15.1 L-Università ta' Malta ser taħżen id-*data* tiegħek fil-ġabradata istituzzjonali għall-perjodu ta’ 10 snin. Imbagħad id-*data* ser tiġi mħassra awtomatikament (kopja ta' sigurtà tad-data tinżamm għal-sena oħra)

15.2 Kopji tad-*data* użata għar-ricerka ser tinżamm fil-ġabradata istituzzjonali tar-riċerka għal-perjodu ta’ 10 snin mil-bidu tal-proġett. Dan huwa mportanti f’każ li riċerkaruti oħra jkunu jridu jiċċekjaw li studju partikolari ġie esegwit b’normi stabbiliti. Jekk wara 10 snin, id-*data* ma tkunx aktar meħtieġa għall-skopijiet ta’ riċerka xjentifika, id-*data* ser tkun imħassra awtomatikament. Hemm ċans li r-riċerkaturi jistaqsu sabiex id-*data* tkun miżmuma fil-ġabradata istituzzjonali tar-riċerka għal-perjodu itwal. Dawn it-talbiet ser ikunu mogħtija biss jekk ikunu approvati minn kummissjoni tal-etika.

15.3 Meta jimlew il-formola ta’ konformità tal-UMRI, ir-riċerkaturi huma obbligati jħassru d-*data* oriġinali (jew kull tip ta’ *data* mnissla mid-*data* oriġinali li ma kinitx kkombinata ma’ *data* ta’ persuni oħra) mill-kompjuters tagħhom jew sistemi ta’ ħazna meta l-proġett jispiċċa (proġett qatt ma’ jdum aktar min 10 snin) - sakhemm id-*data* ma tkunx meħtiega għal xi studji oħra. F’dan il-kaz, ir-riċerkaturi jridu jerġaw jissottomettu applikazzjoni oħra mal-UMRI u d-*data* ma’ tistax tiġi proċessata aktar mingħajr l-awtorizzazzjoni mill-kummissjonijiet relevanti. L-ammont ta’ dettalji personali (bħall-età, sess, etc.) li jkunu mibgħuta lir-riċerkaturi

mad-*data* ser jinżammu minimi, u **QATT** ma' huma ser jinkludu ismek jew in-numru tal-karta tal-identità.

## 16. Nista nilmenta kontra l-ipproċessar tad-*data* tiegħi mill-Università ta' Malta?

16.1 Iva - skond il-GDPR u l-att tal-protezzjoni tad-*data* 2018, għandek id-dritt titlob:

1) Aċċess għall-informazzjoni kollha li nżommu fuqek, inkluż dettalji fuq ir-raġuni ala qed nżommu din l-informazzjoni u għaliex qed nużawa;
2) Li jiġu kkoreġuti żbalji (ikkoreġar ta' żbalji);
3) Biex id-data tiegħek tiġi mħassra (dritt għal tħassir);
4) Restrizzjoni ta' proċessar tad-data (restrizzjoni tal-ipproċessar);
5) Għal kopja tad-data personali tiegħek (dritt għall-portabbiltà tad-data)

16.2 Dawn it-talbiet tista tagħmilom lill-UMRI billi timla l-formola tal-GDPR li tinsab fuq is-sit tal-UMRI: https://www.um.edu.mt/platforms/umri/gdprrights/. **Jekk it-talba tiegħek tikkonċerna *data* maħżuna fil-ġabradata istituzzjonali**, tista wkoll tagħmel it-talbiet billi tibat ittra elettronika fuq umri.platform@um.edu.mt jew billi ċċempel fuq +356 2340 3212. Għandek dritt toġġezzjona kontra l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek f'kull ħin. Jekk taħseb li d-*data* personali tiegħek mhux tiġi użata b'mod adattat mil-Università ta' Malta, għandek dritt titlobna nieqfu nużawha b'dak il-mod.

16.3 Skond l-att tal-protezzjoni tad-*data* u l-GDPR, m'għandniex bżonn nissodisfaw dawn it-talbiet f'ċirkostanzi fejn il-mira tar-riċerka tkun ser tixxekkel serjament (eżempju, xorta nkunu nistaw nużaw id-*data* tiegħek għal xi studju jekk titlobna nħassru id-*data* wara li tkun ġiet proċessata għal dak l-istess istudju). Madankollu, UMRI ser tipprova fejn possibli tissodisfa t-talbiet tiegħek u meta ma' tkunx tista tissodisfa it-talbiet tiegħek, tipprovdilek spjegazzjoni.

## 17. Fejn nista nġib aktar informazzjoni?

17.1 Tista tikseb aktar informazzjoni **rigward it-trasferiment, ħażna, u użu tad-*data* tal-MRI mil-Università ta' Malta**:

- mill-UMRI billi tibat ittra elettronika fuq umri.platform@um.edu.mt jew billi ċċempel +356 2340 3212. Idejalment, dan huwa l-ewwel punt ta' kuntatt. Kun af li ma nistawx nagħtu pariri mediċi.
- mis-sit tal-UMRI [www.um.edu.mt/umri]
- mill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-Università ta' Malta (dpo@um.edu.mt).

17.2 Jista jkun li minn ħin għall-ħin nagħmlu bidliet fl-informazzjoni li tkun preżentata hawnhekk. F'dawn iċ-ċirkostanzi, m'aħniex ser ninfurmawk direttament imma ser nitfaw l-aktar verżjoni riċenti ta' dan id-dokument fuq is-sit tal-UMRI.

## 18. Nista' nagħmel ilment ma' entità indipendenti?

18.1 Nissuġġerixxu tikkuntattja mal-ewwel lit-tim tal-UMRI jew lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* tal-Università ta' Malta **jekk l-ilment tiegħek jirrelata ma' trasferiment, ħażna u użu tad-*data* tal-MRI mill-Università ta' Malta.**

18.2 Jekk it-tweġiba ma' tkunx waħda ta' sodisfazzjoni, tista tissottometti ilment lill-uffiċju tal-kummissarju tal-informazzjoni u l-protezzjoni tad-*data* billi timla formola apposta [register.idpc.org.mt/report-breach/complaint/] li tiffaċilita l-proċess. Tista tikseb aktar informazzjoni mis-sit www.idpc.org.mt/, jew billi tikkuntattja l-uffiċju fuq idpc.info@idpc.org.mt jew +356 2328 7100.